**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XXXI**
**Appell Nru: 314/1999**

**Il-Pulizija (Spetturi Joseph Valletta, u)**
**Gaetano Walker)**

**Vs**

**JEAN CLAUDE CASSAR**
**GORDON AGIUS**
**SANDRO MIFSUD**
**JOSEPH CINI**
**RAYMOND BORG**
**-----OMISSIS-----**

**Illum, 16 Ta'Marzu, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra **JEAN CLAUDE CASSAR, GORDON AGIUS, SANDRO MIFSUD, JOSEPH CINI, u RAYMOND BORG** talli fil-25 ta'Frar, 1993, matul in-nofs ta'nhar ta'filghodu fil-Habs Civili ta'Kordin :

1. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi l-Lm500, ghad-dannu tal-Gvern ta'Malta (Art. 325 tal-Kodici Kriminali);
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, harrbu minn post ta'kustodja jew ta'piena, liema harba saret bi vjolenza fuq il-persuna, u bi ksur ta' dawn il-postijiet (Art. 152 tal-Kodici Kriminali);
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta'haddiehor f'perikolu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta'diversi ufficjali tal-Habs Civili ta'Kordin (Art. 214 tal-Kodici Kriminali);
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadu b'qerq, iddustriggew, ma hallewx shah jew serqu dokumenti, processi jew karti ohra, registri, atti jew xi hwejjeg ohra, li kienu qeghdin f'arkivji pubblici, jew f'ufficji ohra pubblici, jew li kienu moghtija f'idejn depositarju jew ufficjal iehor pubbliku minhabba l-kariga tieghu (Art. 144 tal-Kodici kriminali);
5. **JEAN CLAUDE CASSAR** wahdu akkuzat talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, b'sentenza moghtija mill-Qorti fis-17 ta'Marzu, 1991;
6. **GORDON AGIUS** wahdu akkuzat li kiser l-provvedimenti ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 moghtija b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) {Awla

H} datata 2 ta'Settembru, 1992 meta hu kien gie misjub hati ta'reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin, kif ukoll talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 19 ta'Novembru, 1992 u l-14 ta'Dicembru, 1992, liema sentenzi saru definittivi;

7. **JOSEPH CINI** wahdu akkuzat talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali w tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fil-5 ta'Ottubru, 1990 u fit-22 ta'Novembru, 1990, liema sentenzi saru definittivi;
8. **RAYMOND BORG** wahdu akkuzat talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta'Jannar, 1978, liema sentenza saret definittiva.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 6 ta'Dicembru, 1999, li biha sabet lill-fuq imsemmija hames imputati hatja ta' dawn l-akkuzi kollha dedotti kontrihom, u kkundannathom ghal sitt xhur prigunerija kull wiehed.

Rat ir-rikors ta'appell datat 15 ta'Dicembru, 1999, taz-zewg imputati **JEAN CLAUDE CASSAR u GORDON AGIUS** li bih talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberahom minn kull htija w piena.

Rat it-tlett rikorsi t'appell, prezentati separatament, ilkoll datati 20 ta'Dicembru, 1999, tat-tlett imputati l-ohra, cioe', **JOSEPH CINI, SANDRO MIFSUD, u RAYMOND BORG**, fejn talbu li din il-Qorti tirrevoka w tikkancella s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u tilliberahom minn kull htija w piena.

Rat l-aggravji ta' l-appellanti.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju principali w komuni tal-hames appellanti kollha jirreferi ghat-tieni akkuza dedotta kontrihom, cioe' dik tal-harba minn post ta' kustodja jew ta'piena, ai termini ta' l-Artikolu 152 tal-Kodici Kriminali, kif kien jezisti fid-data ta' l-allegati reati fil-25 ta'Frar, 1993, u dan qabel ma gie emendat fil-1999.

Skond l-appellanti, il-kelma harba f'dan l-Artikolu bilfors tfisser li wiehed ikun fizikament u realment harab jew hareg mill-ambjent tal-habs fejn kien qed jigi mizmum bhala kundannat jew detenut, dan billi jerga' jikseb il-liberta' tieghu, anke jekk temporanjament. L-appellanti jghidu li f'dan il-kaz in ezami, huma qatt ma hargu mill-ambjent tal-habs fejn kienu mizmuma, lanqas ma ipprovaw johorgu minn hemm, fis-sens li qatt ma reghu ottjenew, jew ipprovaw jottjenu, xi forma ta'liberta', u, ghalhekk, l-eghmil taghhom ma jinkwadrax f'dan ir-reat ta' harba minn post ta'kustodja jew ta'piena. L-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu, dejjem skond l-appellanti, ghalhekk hi li gja' la darba huma ma

hargux realment jew effettivament mill-ambjenti tal-habs, izda dak li ghamlu kien dejjem gewwa u fl-intern tal-Habs, allura, ma kellhomx jigu akkuzati b'dan ir-reat taht l-Artikolu 152 tal-Kodici Kriminali, izda, se mai, taht xi disposizzjoni ohra tal-Ligi.

Il-Qorti tghid mal-ewwel li ma taqbilx ma' din it-tifsira li l-appellanti qed jaghtu lil dan l-Artikolu 152 tal-Kapitolu 9.

Fl-ewwel lok, l-imsemmi Artikolu 152 imkien ma jsemmi il-kelma '**habs**'. Isemmi biss, u dan anke kif kien redatt fil-1993, post ta'kustodja jew ta'piena. Wiehed ghalhekk irid jara u jezamina x'tip ta'reat huwa dan, fis-sens x'ifissru l-kliem **'post ta'kustodja jew ta'piena'**.

Ghandu jigi precizat, fl-ewwel lok, li skond il-Kodici Kriminali taghna, jezistu zewg tipi ta' harba, dik **semplici** ai termini ta' l-Artikolu 151, u dik il-harba **aggravata** peress li din tkun akkompanjata bl-uzu tal-vjolenza fuq il-persuna jew bil-ksur ta' dawn il-postijiet ta'kustodja jew ta'piena, ai termini ta' l-Artikolu 152.

Mela anke hawnhekk mal-ewwel wiehed ghandu jinduna li filwaqt li fil-harba semplici skond l-Artikolu 151, il-legislatur jghid li din il-harba semplici issir mill-habs billi specifikament juza il-kelma **'mill-habs'**, fl-Artikolu sussegwenti, il-152, il-legislatur, kuntrarjament ghal kliem li kien uza fl-Artikolu 151, ma juzax il-kliem **'mill-habs'** u ma jispecifikax li l-harba aggravata trid tkun saret mill-habs. Ma kien hemm xejn xi jzomm lill-legislatur li anke fl-Artikolu 152, li kieku ried, setgha specifikament juza l-kliem "**mill-habs**" li kieku bhala post ta' kustodja ried ifisser il-habs, bhal ma ghamel fl-Artikolu ta'qabel.

L-element necessarju w essenzjali tal-post tal-habs li hemm fl-Artikolu 151, ghalhekk, ma jirrizultax bhala xi element necessarju fl-Artikolu 152. Dak li huwa rikjest fl-Artikolu 152 huwa li hemm persuna kundannata b'ordni ta' xi awtorita', bhal ma hi l-Qorti, jew detenuta pendenti proceduri kontriha, mizmuma f'xi post ta' kustodja jew f'xi post fejn qieghed jiskonta xi piena, liema persuna, bl-uzu ta'vjolenza fuq persuna ohra, jew anke bi ksur tal-post fejn hija mizmuma, jirnexxielha tohrog minn dawk il-postijiet fejn tkun qed tinzamm.

Dawn, mela, huma l-elementi ta' dan id-delitt taht l-Artikolu 152.

Ta' min jghid pero', hawnhekk, li kif sewwa osserva l-Antolisei fil-ktieb tieghu "Manuale di Diritto Penale", Parte Speciale II, Nona Edizione, A. Giuffre' Editore, 1986:
" *Non e' agevole determinare in modo prattico il momento consumativo di questo reato. Riconosciamo, per altro, che su questo punto delicato, molto rimane affidato al prudente apprezzamento del giudice*."

Dan ifisser li hu importanti li l-Qorti tghid x'inhu, fil-fehma taghha, il-mument meta jigi kompletat dan ir-reat. Kif gja' intqal qabel, skond l-appellanti, fil-kaz prezenti ma hemmx dan ir-reat ghaliex skond huma il-konsumazzjoni ta'dan ir-reat issir biss meta l-evazur effettivament jirnexxielu jottjeni l-liberta' tieghu,

anke jekk ghal ftit hin biss, billi johrog kompletament mill-ambjenti tal-habs. Il-Qorti gja' esprimiet il-fehma taghha li ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, ir-rekwizit tal-habs mhux essenzjali f'dan l-Artikolu 152, kif gja' gie spjegat qabel. Li thoss li huwa essenzjali hu li fl-atti maghmulha minn min huwa mizmum f'xi post ta' kustodja jew ta'piena, huwa jkun wettaq atti ta'vjolenza fuq il-persuna jew ta'ksur fuq il-postijiet imsemmija. Dan huwa l-element essenzjali ghal dan ir-reat. Taht **vjolenza fuq il-persuna** hija kompriza kull forma ta' "via di fatto", kull forma ta'theddida, intenzjonati biex jinfluwixxu, anke moralment, fuq min ikun qed jikkustodixxi lil min jaghmel dawk l-atti, bhal ma huma il-gwardjani tal-habs. Taht **vjolenza konsistenti fil-ksur tal-postijiet ta'kustodja jew ta'piena**, il-Qorti hawnhekk qed tirriproduci dak li jghid il-Professur Mamo fin-Noti tieghu, u li hu ha minghand il-Carrara, Il Programma, Vil. V, para. 2811 et seq, 2819) u cioe':
" *By breach of the place of confinement or punishment, the law means the overthrowing down, breaking, demolishing, burning, wrenching, twisting or forcing of any wall, roof, bolt, padlock, door whether internal or external, or other contrivance, intended to secure the place. The breaking must be of the place itself. The breaking of a chain or manacles intended to secure the person of the prisoner does not constitute this form of aggravated escape. There must be the actual breaking in the above sense; merely getting over the wall or ceiling, or passing out through a door by false keys or the like and without violence on the person is only a simple escape and not a breach of the place or aggravated escape..................With regard to simple escape, the crime is completed when the fugitive actually regains his liberty. So long as he is still within the outer boundaries and the precincts of the prison and is followed by the jailers and apprehended, he is not guilty of the completed offence but may be guilty of an attempt. In the case of breach of a place of custody or punishment, however, the crime is completed so soon as the prisoner breaks out of his place of custody, even though the actual escape may have been detected and prevented in time."*

Minn dan huwa car hafna, mela, li fil-kaz tal-harba aggravata bl-uzu tal-vjolenza fuq il-persuna jew fuq il-post ta'kustodja jew ta'piena, dan ir-reat huwa kompletat fl-elementi kollha tieghu appena tigi uzata din il-vjolenza sabiex il-persuna mizmuma tohrog mill-post fejn qed tinzamm, u dan anke jekk dik l-azzjoni ma twassalx effettivament biex dik l-istess persuna tohrog ghall-kollox mill-ambjent totali jew shih, bhal ma hu l-habs fil-kaz in ezami, qabel ma terga tigi mrazzna mill-gwardjani, eccetera. L-element tal-liberta' tal-persuna ma japplikax fil-kaz tal-harba aggravata minn post ta'kustodja jew ta'piena, izda japplika biss fil-kaz tal-harba semplici mill-habs. Hu propju ghalhekk f'dan is-sens, mela, li sabiex ikun hemm dan ir-reat taht l-Artikolu 152 tal-Kap. 9, addebitat lill-appellanti, ma hemmx ghalfejn ikun hemm ukoll il-hrug komplet mill-bini tal-habs, bhal ma huwa rikjest fil-kaz tal-harba semplici mill-habs ai termini ta' l-Artikolu 151 tal-Kap. 9.

Tant hu hekk li anke l-Antolisei, fil-ktieb tieghu fuq imsemmi, jghid hekk:

" *In linea generale, si puo' dire che il delitto e' consumato quando l arrestato o il detenuto sia riuscito a sottrarsi completamente alla sfera di custodia nella quale si trovava, nel senso che non e' necessaria la fuga* " (Cass. 14.1.1974, in Giur. It. 1975. II, 118).

Dan kollu premess, ghalhekk, l-aggravju ta' l-appellanti dwar din il-kwistjoni tal-harba ai termini ta' l-Artikolu 152 tal-Kodici Kriminali huwa respint, aktar u aktar meta anke fil-meritu jirrizulta abbondantement ippruvat li l-agir ta'kull wiehed mill-hames appellanti jinkwadra ruhu perfettament fl-elementi kollha rikjesti sabiex dan ir-reat ikun komplut jew kunsmat kif fuq imfisser.

L-appellanti, fl-ahhar nett, jilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti ma setghetx issibhom hatja kollha f'daqqa tar-reati lilhom addebitati, izda kellha tindividwalizza l-operat ta'kull wiehed minnhom separatament u mhux taqta' ghad-dritt billi ssibhom kollha hatja kollettivament. Jghidu li l-ewwel Qorti kellha tara min minn fosthom, jekk kien hemm, ippartecipa b'mod dirett f'dawn ir-reati ta'aggressjoni, hsarat volontarji, feriti fuq il-persuna, eccetera. Skond huma, jekk ma jigiex ipprovat 'a common design' u komplicita', l-ewwel Qorti qatt ma setghet titfa responsabbilta' kollettiva fuqhom ghal dak kollu li gara fil-25 ta'Frar, 1993, fil-Habs Civili ta'Kordin.

Jigi osservat hawnhekk li l-ewwel Qorti ghamlet ezami dettaljat tal-partecipazzjoni ta' kull wiehed mill-appellanti fl-incidenti in kwistjoni. Dan jirrizulta car mis-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti iddeskriviet l-agir ta'kull appellant u dan kif dehrilha mill-apprezzament tal-provi li kienet ghamlet. Ghalhekk, u f'dan ir-rigward, l-appellanti huma zbaljati jghidu li l-ewwel Qorti ma qiesetx b'mod individwali w separat is-sehem ta' kull wiehed minnhom, izda qabdet u qatghet ghad-dritt. Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti turi kompletament il-kuntrarju ta' din l-allegazzjoni ta' l-appellanti.

Barra minn hekk, huwa evidenti, ghalkemm l-ewwel Qorti ma esprimitux bi kliem car, li hi hawnhekk applikat id-dispost ta' l-Artikolu 237 tal-Kodici Kriminali li jitfa' r-responsabbilta' kriminali b'mod kollettiv fuq kull min jigi ppruvat li ha **<u>parti attiva</u>** waqt xi glieda fejn xi hadd jigi offiz u fejn ma jinstabx min kien l-awtur. Din hija biss kwistjoni ta'apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Hi kienet sodisfatta sal-grad tal-konvinciment morali li kull wiehed mill-hames appellanti kien ha parti attiva f'dawn l-incidenti, f'dan il-glied, fejn persuni sofrew offizi fuq persunithom. L-ewwel Qorti ma wasletx biex tikkonkludi min kien l-awtur ta'dawn l-offizi, izda kienet konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-appellanti kellhom partecipazzjoni attiva f'dan il-glied fejn gew kagunati dawn l-offizi. Il-partecipazzjoni attiva tal-hames appellanti, skond l-ewwel Qorti, tirrizulta kjarament mill-provi u dan kif jidher mid-deskrizzjoni dettaljata ta' dawn il-provi fil-korp tas-sentenza appellata. Dan kien apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti u li, fil-fehma ta' din il-Qorti ta'Revizjoni, kien apprezzament tajjeb skond il-ligi li, in bazi tieghu, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzzjonijiet li fil-fatt waslet ghalihom. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni valida legalment sabiex tvarja xi haga minn dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti.

Dwar l-ilment ta' l-appellanti li l-ewwel Qorti ma hadetx in kunsiderazzjoni z-zmien li huma kienu nzammu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn l-proceduri, jigi osservat li dan il-beneficcju jinghata mill-Qorti fid-diskrezzjoni esklussiva taghha, u mhux b'xi dritt tal-persuna misjuba hatja w kundannata ghal xi piena karcerarja. Dan il-beneficcju jinghata meta l-Qorti li tinfliggi l-piena karcerarja thoss li ghandha taghtih wara li tkun hadet in kunsiderazzjoni dak kollu li jidhrilha rilevanti.

Sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis taz-zmien ta' l-arrest preventiv, il-Qorti ghandha tordna hekk specifikament fis-sentenza taghha. Jekk ma ssemmiehx, bhal ma jidher li sar fil-kaz prezenti, dan ma jfissirx li l-Qorti tkun naqset li ssemmieh b'kapricc jew ghaliex insiet. Ifisser biss li l-Qorti hasset, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, li m'ghandhiex tordna li z-zmien ta' l-arrest preventiv jigi mnaqqas mill-piena karcerarja nflitta.

Bhala purament punt ta'osservazzjoni biss ta' din il-Qorti, hi thoss li ghandha tirrileva li meta l-ewwel Qorti mponiet fuq kull wiehed mill-hames appellanti piena ta' sitt xhur prigunerija, hi marret sew taht il-minimu tal-piena karcerarja li japplika f'dan il-kaz. L-ewwel Qorti dan ghamlitu minghajr ma semmiet l-ebda ragunijiet specjali jew straordinarja, kif jimponi l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali f'kaz ta'piena nflitta li tkun taht l-minimu preskritt. Bizzejjed jinghad li l-piena karcerarja minima ghar-reat tal-harba aggravata taht u skond l-Artikolu 152 tal-Kodici Kriminali, kif kienet fid-data ta' l-incidenti in kwistjoni, hija dik ta'tlettax il-xahar, u wiehed mhux qed jiehu in kunsiderazzjoni li l-hames appellanti kellhom akkuzi ta'reati ohra daqstant serji. Ma hemm l-ebda dubju, ghalhekk, li fil-piena karcerarja mposta mill-ewwel Qorti, din kienet ferm u ferm klementi maghhom, u hu propju ghalhekk, fil-fehma ta'din il-Qorti, li l-ewwel Qorti ma dehriliex li taghtihom ukoll il-benficcju tat-tnaqqis taz-zmien ta' l-arrest preventiv. Din il-Qorti mhiex sejra tiddisturba din id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Dan kollu premess, il-Qorti qed tichad l-appelli kollha maghmulha mill-hames appellanti w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur